MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Numru. 748/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Barclay Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **Barclay Vella**, ta’ dsatax (19) il-sena, iben David u Virginia neé Buhagiar, imwieled Pieta nhar is-26 ta’ Frar, 1993, minghajr indirizz fiss, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 102693M, akkuzat talli fid-9 ta’ Gunju 2012 u/jew fix-xhur ta’ qabel mill-fond Flat 5, Ent. 183, Bini tal-Gvern, Triq il-Wied ta’ l-Imsida, Msida:

1. ikkommetta serq ta’ gojjellerija, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu

(€2329.37), u bil-lok u li sar ghad-detriment t'ommu Virginia Maria Vella u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;
Akkuzat ukoll talli f'Lulju 2011 u/jew fix-xhur ta' qabel u jew wara l-istess xahar:

2. f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, cioé *mobile phone* tal-marka *Apple Iphone*, li jgib in-numru ta' l-IMEI 012265006326594, li ma jiswiex iktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) izda iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) liema *mobile phone* kien misruq, mehud b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghu jew imexxih;

3. kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446, Att Dwar il-*Probation,* tal-Ligijiet ta' Malta li kien gie impost fuqu permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D.) nhar l-14 ta' Novembru, 2011;

4. irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-14 ta' Novembru 2011, liema sentenza saret definittiva.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil Virginia Vella tiddikjara illi hija omm l-imputat u semghetha wkoll tiddikjara li ma kellhiex interess fil-proceduri kontra binha l-imputat u li kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-<u>ewwel (1) imputazzjoni</u> migjuba kontra l-imputat, ftit ghandu x’jinghad u dana stante illi din l-imputazzjoni tirrigwarda omm l-imputat li ghazlet li ma tixhidx f’dawn il-proceduri u li kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli. Din l-imputazzjoni ma tirrizultax peress illi ma gietx pruvata.

Illi, fir-rigward tat-<u>tieni (2) imputazzjoni</u>, jirrizulta bl-aktar mod car, mill-provi prodotti, li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b’hekk l-imputat ser jinstab hati taghha. Mhux l-istess jista’ jinghad fir-rigward tat-<u>tielet (3)</u> u <u>tar-raba’ (4) imputazzjoni</u>, li minnhom l-imputat ser jigi liberat.

**Ikkunsidrat**

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li gie pruvat u l-fedina penali tal-istess imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mir-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 261(c), 267 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Barclay Vella taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ sena mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Barclay Vella bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat

iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reat li tieghu nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Barclay Vella.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------